MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 21/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Ganni Azzopardi**

Kaz Numru: 21/2014

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Ganni Azzopardi**, bin Joseph u Carmen neé Zammit, imwieled fil-15 ta' Novembru 1978, residenti fil-fond Altona. Triq ta' Said, Nadur,

Ghawdex u/jew Supermarket, Triq ta' Said, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25678(G), akkuzat talli matul il-gurnata ta' nhar is-Sibt 10 ta' Awwissu 2013 u fi granet ohra sussegwenti fi Sqaq li jaghti ghal Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex:

1. ikkommetta vjolazzjoni tal-proprjeta' ta' David u Karen Muscat meta ndahal fi hwejjighom kontra l-ligi u dana billi b'instinzjoni ezercita' jedd li jippretendi li ghandu u fixkel lill-istess Muscat milli jezercitaw jedd illi huma ghandhom billi ghalqilhom l-access ghall-ispiera li tinsab vicin il-fondi numru 32 u 33 tal-imsemmi sqaq permezz ta' tankijiet.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika d-dispozzjonijiet tas-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 377 sabiex tassigura li l-persuna li baghtiet l-ispoll tqieghed kollox fl-istat ta' qabel baghtiet l-ispoll.

Il-Qorti giet ukoll mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali sabiex tordna lill-imputat ma jostakolax lil David u Karen Muscat milli jezercitaw id-drittijiet taghhom u partikolarment ma jithalliex jimpedi l-access tal-kwerelanti ghall-imsemmija spiera u dan taht penali ta' somma flus illi tigi ffissata mill-Qorti in mankanza.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ukoll lix-xhieda minnu prodotti.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 124 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fir-rapport (Dok. "B" – *a fol.* 7 *et seq.*) tieghu, PS 698 Shaun Tabone jirraporta li l-imputat qallu: *"It-tankijiet qeghdin fil-proprjeta' ta' Antonia Formosa li bhalissa qeghda l-iSptar u l-ispiera tappartjeni lilha u t-titolu taghha ilu aktar minn erbghin sena u jekk Muscat qed jahseb li ghandu dritt ta' xi haga jiccalingja fil-Qorti tac-Civil".*

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2014, xehed il-kwerelant **Dr. David Muscat** (*a fol.* 9 *et seq.* ) fejn spjega x'gara dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2013 meta kien flimkien ma' martu Karen Muscat u xi hbieb tieghu u mar ikellmu l-imputat li qal li huwa l-werriet ta' certu Tona [Antonia] Formosa. Jispjega kif l-imputat beda jkellem lill-kwerelant u martu fuq l-ispiera in kwistjoni f'liema hin kien hemm tankijiet li ma kienux ta' ostakolu ghall-ispiera u li wara li tkellmu dawn it-tankijiet gew mpoggija b'tali mod li gew ta' ostakolu ghal parti ta' sqaq li minnu tasal ghall-ispiera. Jghid granet wara sab aktar cnagen u hafna aktar affarijiet fit-tankijiet. Ezebixxa diversi dokumenti fosthom ritratt Dok. "DM

4″ (*a fol.* 24) li juri t-tankijiet jimblukkaw il-passagg ghall-ispiera. Il-kwerelant rega′ ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta′ Gunju 2014 (*a fol.* 67 *et seq.*) u ezebixxa xi ritratti ohra.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-18 ta′ Frar 2014 (*a fol.* 15 *et seq.*) il-kwerelant Muscat jghid li qabel l-10 ta′ Awwissu 2013 it-tankijiet kienu hemm pero qatt ma kienu f′pozizzjoni li wiehed ma setghax jidhol ghall-ispiera jew fl-isqaq.

Illi, fis-seduta tat-18 ta′ Frar 2014, xehed ukoll **Raymond Tabone** (*a fol.* 25 *et seq.* ) fejn qal li huwa kien jiehu hsieb, ghal madwar ghaxar (10) jew hmistax (15) il-sena, il-proprjeta′ tal-kwerelanti qabel mal-kwerelanti dahlu fiha. Jispjega li meta mar fuq il-post f′Ottubru/Novembru 2013 sab xi tankijiet jimblukkaw il-passagg u li meta mar f′Lulju 2013 dawn it-tankijiet ma kienux hemm.

Illi, fis-seduta tat-3 ta′ Gunju 2014, xehdet il-kwerelanta **Karen Muscat** (*a fol.* 45 *et seq.*) fuq l-istess linji li xehed il-kwerelant zewgha. Ezebiet diversi dokumenti fosthom Dok. "KM 1" (*a fol.* 55) u "KM 2" (*a fol.* 56) li juru li m′hemm xejn x′jimblokka l-ispiera.

Illi, fis-seduta tal-24 ta′ Gunju 2014, xehdet **Maria Dolores Cutajar** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn bdiet billi spjegat li l-post fi Triq Wied is-Simar, Qala kien proprjeta′ tal-genituri taghha u hi kienet tmur maghhom hemmhekk. Tiftakar li kien hemm l-ispiera u li missierha kellu l-uzu taghha u kien itella′ l-ilma minnha.

In kontro-ezami tghid li missierha ilu mejjet ghaxar snin. Tghid li t-tankijiet ma kienux proprjeta' taghhom. Tixhed li kienu jidhlu mill-kantuniera l-gewwa, u cioé fejn hemm l-ispiera.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, xehed l-imputat **Ganni Azzopardi** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn qal li huwa trabba ma' Antonia Formosa. Jghid li fl-10 ta' Awwissu 2013 ma kienx il-Qala pero kien qieghed id-dar peress li kien ghadu kemm hareg minn operazzjoni li ghamel fit-2 ta' Lulju 2013. Jghid li t-tabib qallu li kellu joqghod xahrejn id-dar rikoverat minhabba l-operazzjoni li ghamel. Tul id-depozizzjoni tieghu, l-imputat ezebixxa diversi dokumenti, fosthom: certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "GA 2" (*a fol.* 89). Jispjega li ttiehdu l-passi necessarji sabiex tigi registrata l-ispiera in kwistjoni. Mistoqsi min qieghed it-tankijiet in kwistjoni, wiegeb: *"It-tankijiet tqeghdu minn Antonia Formosa u jien ghandi thirty six dejjem hemm nafhom u minn dak il-post li halliethom hi ma ccaqalqux ghax jien hemmhekk m'ghandi xejn. Hemmhekk taghha"* (*a fol.* 77). Jghid: *"fuq dawn it-tankijiet li qatt ma kienu fil-hajt, dak kienu dejjem hemmhekk fil-post, fil-post hemm miktub 'Out' 'Fuori'. Iz-zija kienet tikteb fuqhom u jidhru li huma msaddin u m'ghamilthomx jiena, ghax il-kitba mhux ricenti, u fuq kull tank hemm miktub 'Out'"* (*a fol.* 78).

In kontro-ezami jghid li t-tankijiet gew mpoggija minn Antonia Formosa u li hu minn dejjem hemm jafhom. Meta saritlu riferenza ghar-ritratti mmarkati bhala Dok. "MS 1" u "MS 2" (*a fol.* 58) u gie mistoqsi jghid jekk jaqbilx li l-pozizzjoni tat-tankijiet kif jidhru fir-ritratti imsemmija humiex fl-istess pozizzjoni tar-ritratti li gew ezebiti minnu waqt li xehed, wiegeb: *"It-tankijiet ghadhom fl-istess pozizzjoni li huma esebiti fir-ritratti, kif halliethom hi ghadhom"* (*a fol.* 81). Jghid li minhabba l-operazzjoni li ghamel, dam id-dar xahrejn ghax ma felahx jiccaqlaq. Jghid li lanqas kien imur ghax-xoghol.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2014, xehdet **Dr. Simone Grech** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qalet li fil-11 ta' April 2013 accediet fil-post fil-Qala u spjegat hekk: *"Naf li dhalt minn go qisu passagg dejjaq jew sqaq, naf li mbaghad tibqa' sejjer bi dritt jidhirli mbaghad tikser on your right biex tidhol ghall-proprjeta' ta' din Antonia Formosa"* (*a fol.* 100). Tghid li fil-liwja rat tankijiet tal-hadid imsaddin u fuqhom kien hemm miktub kliem biex dak li jkun ma jidholx. Tghid li min kien hemm maghha caqlaq wiehed mit-tankijiet biex hi tkun tista' tidhol go din il-liwja biex tidhol fil-proprjeta' ta' Formosa.

In <u>kontro-ezami</u>, meta giet murija ritratt Dok. "GA 4" (*a fol.* 90) qalet li meta marret hi t-tankijiet kienu magenb xulxin u mhux kif jidher fir-ritratt.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **il-Perit Carmelo Borg** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn qal li huwa kien applika biex tigi registrata l-ispiera u ghamel hekk ghan-nom ta' Antonia Formosa. Jghid li meta mar fuq il-post kien hemm xi tankijiet u li l-iktar haga li laqtitu kienet li mal-hitan u anke mat-tankijiet kien hemm miktub kliem biex dak li jkun ma jidholx. Jghid li meta acceda fuq il-post, Formosa kienet nehhiet it-tankijiet biex setgha jidhol.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li accedda fuq il-post diversi drabi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.*

Illi din il-kawza tikkoncerna tankijiet allegatament impoggija mill-imputat b'konsegwenza ta' liema tankijiet il-kwerelanti jallegaw li gie maghluq l-access ghall-ispiera, li ghaliha l-kwerelanti jghidu li kellhom access. Da parte tieghu, l-imputat jghid li fiz-zmien in kwisjtoni huwa ma setghax johrog mid-dar u ma resaqx lejn il-post in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta'

Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzzjoni illi x-xiehda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari tal-kwerelanti meta mqabbel ma' dak tal-imputat. Apparti dan, l-imputat jghid li fiz-zmien in kwistjoni ma setghax johrog mid-dar tieghu u ezebixxa, fost l-ohrajn, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "GA 2" (*a fol.* 89). F'dan ic-certifikat, li huwa datat 6 ta' Lulju 2013, hemm imnizzel hekk: *"He [ghall-imputat] is advised recovery at home for the next two months. During this period he is advised not to lift heavy objects or drive"* (*a fol.* 89). Ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li l-imputat effettivament ma harigx minn daru. Ic-cetifikat in kwistjoni wahdu mhux bizzejjed. L-imputat ma ressaq l-ebda xhud in sostenn tal-fatt li huwa ma harigx mid-dar, kif huwa setgha facilment iressaq. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha facilment iressaq lil dik li, fid-depozizzjoni tieghu, huwa jsejjah bhala *"seftura"* u li jghid kienet tiehu hsieb iggib lil Antonia u lilu l-affarijiet biex jghixu. Apparti minn hekk, jirrizulta li fil-5 ta' Settembru 2013 l-imputat nnifsu ipprezenta ittra ufficjali responsiva (Dok. "DM 3" – *a fol.* 23) fil-Qorti ta' Ghawdex. Ghaldaqstant, l-imputat m'huwiex kredibbli meta huwa jghid li ma setghax johrog mid-dar fid-dati in kwistjoni

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol.

> XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li kollu li nghad hawn fuq, u dana b'mod partikolari minhabba l-fatt li l-imputat ma kienx kredibbli meta qal li huwa ma setghax johrogx mid-dar fid-dati in kwistjoni u kif ukoll minhabba l-fatt li z-zewg kwerelanti qalu li l-imputat nnifsu, u quddiemhom, pogga t-tankijiet in kwistjoni b'mod li jostakolaw l-parti tal-isqaq li taghti access ghall-ispiera (*a fol.* 12 u 46) (li jirrizulta ma kien hemm l-ebda ostakolu ghaliha[2]), il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.
[2] *Vide* Dok. "KM 1" (*a fol.* 55) u "KM 2" (*a fol.* 56).

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Ganni Azzopardi hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlitt mitt Euro (€ 300.00).

*In oltre*, il-Qorti, tordna lill-imputat inehhi t-tankijiet in kwistjoni u jerga' jpoggihom fejn kienu fi zmien gimgha mil-lum u f'kaz li dan ma jsehhx, l-imputat ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hati, ammenda ta' ghaxar Euro (€10.00) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien, u dana kif dispost f'Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront tal-kwerelanti u dana sabiex l-imputat ma jostakolax lill-kwerelanti milli jezercitaw id-drittijiet taghhom u ma jithalliex jimpedi l-access tal-kwerelanti ghall-ispiera in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------